Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,574, 21 ta' Jannar, 2026
Taqsima B

A.L. 18 tal-2026

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2026 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-Postgraduate Certificate in Computational Thinking and Coding for Primary Educators – P.G. Cert. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2026 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-Postgraduate Certificate in Computational Thinking and Coding for Primary Educators – P.G. Cert. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni;

"iċ-Ċertifikat" tfisser il- Postgraduate Certificate in Computational Thinking and Coding for Primary Educators – P.G. Cert.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall- Postgraduate Certificate in Computational Thinking and Coding for Primary Educators – P.G. Cert.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2025 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. L-applikanti jistgħu jkunu rreġistrati bħala studenti fil-Kors jekk ikollhom:

(a) il-grad ta' Bachelor of Education (Honours); jew

(b) grad tal-ewwel ċiklu flimkien ma' Postgraduate Certificate in Education; jew

(ċ) grad tal-ewwel ċiklu u/jew grad tat-tieni ċiklu jew ogħla u warrant permanenti ta' għalliem; jew

(d) kwalunkwe kwalifika ta' għalliem rikonoxxuta oħra u warrant permanenti ta' għalliem; u

(e) kwalunkwe kwalifika fl-edukazzjoni rikonoxxuta oħra li permezz tagħha wieħed ikun jista' jaħdem fl-iskejjel.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq semestru wieħed ta' studju full-time jew żewġ semestri ta' studju part-time.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti f'għadd ta' taqsmiet-studju li għalihom hemm assenjati 30 krettu ECTS.

6. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Ir-Riżultat tar-Rikonoxximent

7. (1) Iċ-Ċertifikat jingħata lill-istudenti li jiksbu l-kretti kollha indikati fl-ordinament 5 b'Marka Medja Finali Mwieżna ta' mill-anqas 50%.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Ċertifikat għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku.